KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

Minuti tat-tlieta u erbghin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar il-Hamis 18 t'Awwissu, 2011 fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sinjura Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza u kommunikazzjonijiet mis-Sindku

   - Il-Kunsill ircieva e-mail rigward tip ta' prodott qisu tarmac, li kien ghadu kif gie mpurtat ricentament fis-suq Malti fejn dan jaqqad bl-ilma. Is-Sindku spjega li l-impurtatur Malti ghamel demonstrazzjoni ta' dan il-prodott fejn mela toqba li kien hemm hdejn ic-Centru Civiku. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm il-bzonn, isir uzu min dan il-prodott.

   - Ilma fil-garages ta' *block flats* fi Triq Wied ir-Rajjes – ilment minn xi residenti ta' dan il-blokk ta' flats f'Wied ir-Rajjes. Is-Sindku spjega li wara li saru xi testijiet mid-Dipartiment tal-*Health* ta' dan kien ilma, irrizulta li kien gej minn Triq Simerat, u fejn anke insabu tracci ta' sapun f'dan l-ilma, izda mhux drenagg. Il-Health Department qal li dan jista' jkun gej minn xi *washing machine* fejn l-*outflow* taghha qed imur fil-pedamenti. Is-Sindku kompla jghid li kellem ukoll lil-W.S.C., fejn dawn qalulu li kienu ser ikomplu jimmoniterjaw il-kaz, biex jaraw mnejn jista' ikun gej dan l-ilma fi Triq Wied ir-Rajjes.

   - Blat perikoluz fix-Xatt l-Ahmar – inqata xi blat minn taht il-Forti Chambrai u waqa' fil-parti ta' hdejn il-kamra maghrufa ta' l-Isqof, fejn hu ta' periklu kbir ghal dawk in-nies li jiffrekwentaw il-bajja tax-Xatt l-Ahmar. Il-Kunsill ghadda dan ir-rapport lid-Direttur Joseph Portelli mill-Ministeru ghal-Ghawdex, kif ukoll lis-Supretendent Martin Sammut.

   - Avviz fuq il-bullettin – gbir ta' skart nhar Santa Marija. Is-Segretarju Ezekuttiv stqarret li hija kitbet lil Lelio Spiteri biex igib avviz zghir fuq il-Bullettin biex ninformaw lir-residenti, fejn huwa ikkonferma l-ircevuta tal-email u li l-avviz isir. Irrizulta li dan l-avviz

ma deherx fuq il-Bullettin, u wara li s-Segretarju Ezekuttiv talbet ghar-raguni, is-Sur Spiteri rrisponda li ma kienx fadal spazju fil-bullettin.

- Laqgha ma' l-Assistent Kummissarju Raymond Zammit u s-Supretendent Martin Sammut. Is-Sindku ta' rendikont fil-qosor ta' din l-laqgha, fejn gie deciz li jibdew isiru laqghat t'informazzjoni fuq droga, serq, u xorb alkoholiku kemm ghaz-zaghzagh kif ukoll ghal-adulti fir-rahal t'Ghajnsielem. Dawn il-laqghat huma progettati li jsiru f'Ottubru. Is-Sindku attenda wkoll laqgha mad-*Drug Squad* ta' Malta, fejn iddiskutew is-sitwazzjoni fir-rahal t'Ghajnsielem.

- Is-Sindku irrakkonta kif l-Enginiera ta' l-Enemalta, Ms. Josephine Vella zaret il-post quddiem ic-Centru Civiku sabiex tezamina l-gandott li ghamel il-Kunsill biex jghaddu l-*cables* tad-dawl, tal-Go u Melita. Wara li approvat dan il-gandott, hi talbet lil-Kunsill biex jaghmel estensjoni ta' trinka ohra, b'kontinwazzjoni mal-gandott, u b'hekk tehel kaxxa tad-dawl mal-madwar. Il-Kunsill qabel li dan isir, u kullhadd qabel li jkomplu x-xoghol l-istess kuntratturi li ghamlu x-xoghol fil-gandott.

- Tindif tal-parti ta' fuq ta' Wied Simerat fit- Triq Wied ir-Rajjes– is-Sindku zvela li wara hafna lmenti mir-residenti, saret *site inspection* minnu, mis-Sur Toni Debono mis-CMU, u mal-Perit Anglu Portelli mill-Ministeru ghal-Ghawdex fejn gie deciz li x-xoghol ta' tindif u konkos jibda wara l-festa tar-rahal u ser ikun ikkordinat mill-ufficcju tas-CMU u Ministeru. Kulhadd qabel ukoll li jsiru tlett vireg ma' l-entratura tal-wied, sabiex izommu l-gebel u skart goff milli jkompli jinzel gol-wied.

- Is-Sindku zvela li beda x-xoghol biex jitwahhal il-lift u jekk ikun lest qabel il-festa ser jistaqsi lill-kuntrattur tad-dawl jekk ikunx possibli li jinxteghel ic-Centru Civiku minn barra. Sar suggeriment min ghand Larry Buttigieg biex meta jinfetah ufficcjalment ic-Centru ssir plakka bl-ismijiet tal-kunsilliera li hadmu biex infetah dan ic-Centru Civiku.

- Is-Sindku qal li ghal sena ohra, kellu zjara mis-Sur George Mangion tal-G.M. Productions, fejn ghandu pjacir li jerga jistieden lill-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem biex bil-kolloborazzjoni mieghu, u flimkien ma' Ghajnsielem F.C. tittellgha ghal darba ohra fit-tarrazzin tal-Football Club, Miss-Gozo for Miss Malta. Id-data miftehma hi nhar l-10 ta' Settembru fit-8.00 pm. Is-Sindku qal li din kienet attivita kulturali stabbilita ohra fejn ilha tittellgha mil-Kunsill ghal dawn l-ahhar 12 il-sena. Il-prezenti kollha qabblu li l-Kunsill jiehu hsieb il-*coach*, xi rigali zghar ghal-kull participant, siggijiet, dawl, *sound* u palk zghir.

- Ittra fuq l-Orrizont li dehret nhar is-16 t'Awwissu, 2011 – is-Sindku spjega li f'dan l-artiklu, jissema 'sorsi qrib il-Kunsill Lokali t'Ghajnsielem'. Huwa staqsa lil-prezenti jekk qatt gewx avvicinati minn xi hadd (bhal xi gurnalisti) dwar expropjazzjoni tal-art fejn qed isir il-progett taz-Zewwieqa. Is-Sindku u l-Kunsilliera kollha qablu li huma personali qatt ma tkelmu jew gew avvicinati minn xi hadd tal-gurnal l-Orizzont. Il-Kunsill qabel li ser jghaddi dan l-artiklu lil-avukata tal-Kunsill biex tirrispondi din l-ittra fuq l-orizzont.

- Il-laqgha tas-Sindki li jmiss ser tkun nhar it-28 u 29 t'Ottubru fil-Montekristo Estate. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet lis-Sindku u lil-vici Sindku biex jekk ser jattendu, javzawha halli tkun tista tibbukkjahom.

- Rapport mill-MCCA fuq il-playingfields t'Ghajnsielem - Is-Sindku spjega li l-Kunsill ircieva rapport li kien ikkommisjonat mill-ufficcju ta' l-OPM, fejn il-Kunsill ghandu jiehu hsieb immedjatament li jirranga n-nuqqasijiet li dehru f'dan ir-rapport fuq iz-zewg Playing Fields. Ir-rapport jitlob ukoll li jkun hemm persuna inkarigata minn dawn il-playingfields li tiehu hsieb tirrapporta l-vadalizmu u xi hsarat kull gimgha. B'hekk il-Kunsill ikun jista jiehu azzjoni mill-ewwel sabiex ma jhallix periklu ghat-tfal. Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi hadd li ried li jiehu dan l-inkarigu pero hadd mill-kunsilliera ma offra u ghalhekk is-Sindku ddecieda li jiehu l-inkarigu hu.

- E-mail mill-MRRA – il-Ministeru ghal-Ghawdex ser jinvesti f'26 vettura tal-eletriku. Huma jixtiequ li l-Kunsill jidentifika 3 postijiet fejn ikun jista jitwahhal *charging station* ghal-dawn il-vetturi. Il-Kunsill iddecieda fuq il-parking fil-pjazzetta 10 ta' Dicembru, fil-parking tal-Gozo Channel u x'imkien fiz-Zewwieqa. Is-Segretarju ezekuttiv ser tiehu hsieb tibghat *site plans* ta' dawn il-postijiet.

- Ittra min ghand is-Sur Frank Tabone – issugerixxa li issir mappa t'Ghajnsielem bil-kulur fejn titqassam f'kull dar f'Ghajnsielem. Il-Kunsill qabel li din issir u peress li *s-software* originali tal-mappa t'Ghajnsielem inhadem minn Paul Stellini, il-Kunsill qabel li jerga' jkun hu li jaghmel l-*updates* ta' din il-pjanta.

- Kuntratt l-gdid mal-MAS (Day Centre ghal-anzjani)– is-Sindku qara dan il-kuntratt li ser isir ma' 11 il-Kunsill Lokali ohra f'Ghawdex, il-Ministeru ghal-Ghawdex u l-MAS. Il-Kunsill approva li dan il-kuntratt jigi approvat u iffirmat mill-Kunsill.

- Reklam fuq il-ktieb tal-banda – is-Sindku wera lil prezenti kif ser ikun ir-reklam fuq dan il-ktieb, fejn il-prezenti qablu ma dan ir-reklam.

- MEPA – is-Sindku qara xi *notifications u enforcements* li hargu mill-Mepa dan l-ahhar xahar f'Ghajnsielem.

4. Bins fil-Pjazza

Il-vici Sindku qajjem kwistjoni li l-bins fil-Pjazza huma kollha imbullati bl-iskart u mhumix jitnadfu. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill ghandu ordni mid-Dipartiment li ma jsirx knis fuq il-Pjazza u tindif tal-bins mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega kif il-Ministru xi erbgha snin ilu kienet talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex il-knis u l-gbir ta' l-iskart jibda jsir mill-Ministeru fuq talba ta' l-Arcipriet, fejn il-Kunsill kien qabel ma dan. Minn dak in-nhar sa ftit gimghat ilu, ftit kien hemm problemi dwar tindif fil-pjazza. Is-Sindku kompla jghid li ma kienx jaf x'inhi r-raguni l-pjazza ma baghqetx titnaddaf bhas-soltu mil-Ministeru. Hawn is-sur Mercieca stqarr li haddiem mill-Ministeru qallu li ghandu direttiva mill-Kunsill biex dan il-knis ma jsirx u biex il-bins ma jitbattlux. Hawn is-Sindku rrisponda li dak li kien qed jghid il-Vici Sindku kien kollu qlajja jew kellu informazzjoni hazina ghax hu qatt ma ta xi struzzjoni lil xi mpjegat mil-Ministeru biex iwaqqaf it-tindif mil-pjazza. Hu qal lill-Vici

Sindku li hu lest li jiffaccja personalment lill-din il-persuana fil-Ministeru sabiex tinhareg il-verita. Il-vici Sindku tqarr li hu m'hux lest li jsemmi l-isem tal-impjegat fil-Ministeru li allega dan kollu. Hawn s-Segretarju Ezekutiv cahdet bil-qawwa wkoll li hi xi darba kelmet lil xi haddiem mill-Ministeru biex ma titnaddafx il-pjazza. F'dan ir-rigward kollu l-Kunsill qabel li jistaqsi lil Ministeru ghal-Ghawdex ghaliex waqaf dan l-knis u l-gbir ta' l-iskart. Is-Sindku ser jitlob biex dan is-servizz jibqa ghaddej sakemm jintlahaq ftehim bejn il-Kunsill u l-Knisja t'Ghajnsielem, meta xi darba jsir il-progett tal-pjazza.

5. Mawra fil-Palestina

Is-Sindku rringrazzja lil Dr. Joe Mifsud u lil Onor Chris Said, li bis-sahha taghhom il-Kunsill setgha jkollu l-esperjenza li jzur il-Palestina u jirreciproka z-zjara li s-Sindki minn din l-art ghamlu fir-rahal taghna fi Frar li ghadda. Is-Sindku spjega li fl-opinjoni tieghu kienet mawra b'esperjenza sabiha hafna, fejn ma setghax jonqos li tinnota d-differenzi li hemm fil-kultura u l-mod kif jghixu l-Palestinjani. Is-Sindku kompla jghid li hu kien tal-fehma u jipproponi li l-avukat Joe Mifsud jinhatar ufficcjalment bhala l-koordinatur tar-relazzjonijiet mal-Palestina u ta' l-attivitajiet kollha marbuta maghhom specjalment mal-belt ta' Betlehem. Huwa kompla jghid li dan ghandu jkun mghejjun mis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill, fejn bejnithom ghandu jsir kull kommunikazzjoni. Il-prezenti qablu ma dan. Is-Sindku kompla jghid, li probabli, l-avukat Joe Mifsud ser jibda jahdem biex jorganizza tour ghal-Palestina fi Frar li gej. B'hekk ikun qed jaghti l-opportunita lill-Ghajnselmizi u ohrajn li jzuru l-postijiet fejn twieled u ghex Gesu Kristu. Il-prezz tal-ivjaggar, akkomodazzjoni u ikel ikunu ragjenevoli hafna u ser jithalsu minn kull min hu interessat. Huwa talab biex l-ufficcju tal-Kunsill jghin l-administrazzjoni ta' dan it-Tour. Il-Kunsill qabel ma dan.

Is-sur Larry Buttigieg ikkummenta kif hemm artiklu fuq il-Web site Ghajnsielem. com fejn il-Kunsill ma kienx iddiskutih. Huwa talab biex kull artiklu li jidher fuq il-website fejn jikkoncerna lil-Kunsill, ghandu jkun bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li jikteb ittra ta' ringrazzjament lil Onor Chris Said, l-avv. Joe Mifsud, is-Sindki kollha fil-Palestina li ospitawna u s-Sur Basim Koury (ex Ministru) li kien bis-sahha tieghu li din il-mawra lejn il-Palestina rnexxiet.

6. Lokalitajiet Sostenibbli

Is-Sindku rrakkonta l-laqgha li saret ma' zewg rapprezentanti mill-ADI Associates li hadet it-tender fuq dan il-progett, fejn spjegaw lis-Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv kif ser isir dan ir-rapport. Bazikament, dan ir-rapport ser juri vizjoni t'Ghajnsielem sas-sena 2020. Is-Sindku spjega kif l-ADI jixtiequ jiddiskutu din il-vizjoni mar-residenti ta' kull eta', indiviwi personali u mal-ghaqdiet u entitajiet ohra li ghandna fir-rahal kif ukoll mal-Kunsill. Is-Sindku wera lill-prezenti l-flyer li l-ADI ghamlu fejn dan ser jitqassam f'kull dar, f'Ghajnsielem. Il-Kunsill qabel li fil-flyer tizdied li nixtiequ nisemghu l-opinjoni tat-tfal u adoloxxenti. Gie deciz li jkun hemm Public event, ghar-residenti kollha t'Ghajnsielem, nhar il-15 ta' Settembru fis-6.00 pm fis-sala l-gdida ta' l-Ghaqda Muzikali San Guzepp.

7. Skema Eko Ghawdex

Is-Sindku spjega kif ikun aktar ideali jekk l-applikazzjoni ghal-din l-iskema issir fuq ir-rikonstruzzjoni tal-Ghajn tal-Hasselin, peress li l-Kunsill diga ghandu l-permessi kollha necessarji specjalment dawk tal-MEPA. Is-Sindku kompla jghid li ma dawn il-fondi ghandna napplikaw ukoll biex il-Kunsill jkun jista jixtri *pick* up zghir tal-elettriku sabiex ikun jista' jintuza mill-haddiema tal-Kunsill specjalment ghat-tisqija, tindif, garr ta'materjal u hafna affarijiet ohra. Is-Sindku qal ukoll li bl-ammont ta' flus li kien ser jinghata minn fuq din l-iskema (€70,000), ikun ukoll jista jitnaddaf Wied ta' Simerat min nahha tat-Triq il-Qala. Dan kien jirrikjedi biss permess ta' DNO mil-MEPA. Il-prezenti kolla qablu li nappliakw fuq dawn it-tl3tt suggetti

8. Skema ta' finanzjament f'Lokalijiet Zghar

Il-Kunsill qabel li japplika ghar-restawr u refurbishment tal-Pjazza tad-Dehra taht din l-iskema.

9. Skema attivitajiet kulturali

Is-Sindku spjega kif dawn l-ahhar tlett snin l-applikazzjoni taht din l-iskema saret dejjem fuq Bethlehem f'Ghajnsielem. Is-Sindku spjega kif kemm Onor Chris Said kif ukoll Onor Mario Demarco qed jaghmlu enfasi mal-MEPA biex ma jkunx hemm dewmien ta' l-applikazzjoni u ma jkunx hemm intoppi zejda fuq il-progett ta' Passi. Is-Sindku spjega li peress li l-Kunsill kien applika ghal *Full Application* mal-MEPA dwar il-progett ta' Passi u li dan jista jiehu ftit taz-zmien biex jigi processat peress li hu ODZ, ma kienx possibli li l-Permess johrog sa l-ahhar tas-sena. Ghalhekk il-Kunsill ghal din is-sena wkoll, jrid jerga' japplika mal-MEPA b'applikazzjoni ta' DNO ghal progett ta' Bethlehem f' Ghajnsielem. Il-Kunsill qabel ma dan u gie deciz li tigi organizzata laghqa urgenti mal-Fondazzjoni Bethlehem f'Ghajnsielem u ghaqdiet ohra biex jigi deciz meta ser jibda x-xoghol fuq Betlehem f'Ghajnseielem u jekk hemmx xi poposti godda fuq il-progett ghal din is-sena.

10. Tender Ghajn tal-Hasselin

| | |
|---|---|
| Konstruzzjoni: | Emanuel Camilleri € 28,455.75 |
| | Jesmond Xuereb € 25,286.05 |
| | Simon Sultana € 30,077.51 |
| Eskavazzjoni: | Grima Constuction € 3,505 |

Is-sur Joe Camilleri ssuggerixxa li t-tender tax-xoghol ta' konstruzzjoni tghaddi dirett ghand Emanuel Camilleri, peress li hu minn Ghajnsielem u li ma kienx hemm varjazzjoni kbira fil-prezz bejnu, u l-irhas wiehed. Kemm is-Sindku, kif ukoll is-Sur Peter Caruana ma qablux ma dan, peress li b'hekk ikun qed isir ksir tal-Ligi tal-Kunsilli Lokali. Barra minn hekk is-Sindku kompla jghid li d-differenza bejn l-irhas tender to dik ta' warajha hi tal-fuq minn €3,000. Il-prezenti qablu li jghaddu t-tenders ghand il-perit ghal-evalwazzjoni u joghqodu fuq ir-rizultat tal-perit.

11. Tender tal-Public convencience

Il-Kunsill m'accettax din l-offerta ta' €9,490.00 min ghand is-Sur Carmelo Vella, fejn talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex tkellem lis-Sur Vella biex tara r-raguni ghaliex tefa' t-tender daqshekk gholja, u tara jintlahaqx kompromess li jitnaqqas il-prezz peress li kien hemm offerta wahda. Fil-kaz li ma jintlahaqx kompromess il-Kunsill qabel li jerga' johrog it-tender.

12. BBQ fit-Triq Fuq l-Ghajn

Ghat-tieni sena konsekuttiva, il-Kunsill qabel li jidhol f'kollaborazzjoni biex jigi organizzat dan il-BBQ, fejn il-Kunsill ser jiehu hsieb li jkun hemm mobile toilets, u xi *bouncy castle* ghat-tfal.

13. Permessi ta' Kiosks u Bars ghal-festa

Is-Sindku qal lil prezenti li ser saret laqgha mas-Supretendent fil-Kunsill, fejn ghaliha kienu mistiedna dawk kollha li applikaw ghal-permessi tal-festa ghal din is-sena. Is-Supretendent spjega xi tibdil li sar fil-ligi, fejn l-aktar importanti huwa li xorb ma jigix servut fil-flixkien tal-hgieg. Il-prezenti kellhom l-opportunita li jsemmu l-ilmenti taghhom fejn is-Supretendent irrisponda tajjeb ghal kull mistoqsija li saritlu. Is-Sindku qal lil-prezenti li b'din il-laqgha kullhadd iccara xi diffikultajiet li kellu u spera, li ma jkunx hemm problemi matul il-jiem tal-festa.

14. Dun Samuel Grech

Is-Sindku ta l-inviti ghal-*prima messa* ta' Dun Samuel Grech, fejn il-Kunsill kollu huwa mistieden li jattendi ghal-din ic-celebrazzjoni u riceviment wara fil-Pjazza Madonna ta' Loreto. Fil-mawra fil-Palestina, il-Kunsill kien iddecieda li jixtri bambin sabih ta' Bethlehem u jatih rigal lil Dun Samuel f'din l-okkazzjoni specjali. Ghalhekk, is-Segretarju Ezekuttiv organizzat li Dun Samuel jaghmel vista lill-Kunsill waqt il-laqgha, biex b'hekk ikun jista jinghata dan ir-rigal. Wara li s-Sindku ghamel kelmtejn ta' l-okaazzjoni f'din ic-cerimoja

qasira, Dun Samuel irringrazzja lil-Kunsill ta' dan ir-rigal u heggeg lill-prezenti biex ikomplu jghamlu l-gid fir-rahal.

15. Materji Ohra

Larry Buttigieg
- Tipprova titnaddaf il-bajja tax-Xatt l-Ahmar mill-alka kollha fil-bajja.
- Isir belvedere mad-dawra tal-bajja tax-Xatt l-Ahmar – is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li l-applikazjoni li l-Kunsill ghamel mal-Mepa tinkorpora dan il-belvedere.

Joe Camilleri
- Issir tindifa lil-Water Culverts fit-Triq Malta, Triq Chambrai u madwar il-Pjazza Madonna tal-Loreto
- Isir Monument tal-Klieru u Volontiera – il-prezenti qablu li meta tohrog xi skema ghal-monumenti napplikaw ghaliha.
- Bins faccata tac-Cimeterju, fit-Triq il-Brieghen – staqsa min hu responsabbli ghalihom ghaliex dejjem minlijin. Is-Sindku ser jiccekja dan.
- Tarag mal-Knisja ta' Lordes – is-Sindku rrisponda li dan ser isir mil-Ministeru ghal-Ghawdex fejn diga hareg t-*tenders* biex isir ix-xoghol mehtieg.
- Isir il-water culvert fejn ta' Mawru
- Triq il-Gnien ghad-fadal isir bicca mid-*double line*

Stephen Mercieca
- Staqsa ghaliex bdew jinzabru s-sigar tal-Pjazza u ma tkomplewx – is-Sindku ghandu jiccekja ghaliex
- Isir zbir ta' sigar fit-Triq il-Gnien
- Hemm hafna trab iswed fit-Triq Ghajnsielem quddiem ZIZ Bar.
- Mobile toilet nhar il-Gimgha tal-Festa – il-Kunsill ma qabilx li dan isir.

Peter Caruana
- Tehel sign ' To Ghajnsielem Centre' fil-passagg t-isfel f' ta' Passi – il-Kunsill qabel ma dan

KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

Il-laqgħa ntemmet fit-5.30pm. Is-Sindku sejjaħ laqgħa oħra tal-Kunsill nhar l-Ħamis 15 ta' Settembru, 2011 fit-2.00pm.

Francis Cauchi

Sindku

Amanda Cauchi

Segretarju Ezekuttiv